MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru 732/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**SANDRO AGIUS ta' 27 sena, iben Joseph u Rita nee' Micallef, imwieled Tal-Pieta' nhar l-14 ta' Frar, 1982, residenti fil-fond 5, Triq il-Kunsill Popolari, Vittoriosa, detentur tal-karta ta' l-identita' 118582M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **SANDRO AGIUS** li gie akkuzat talli:

1. Minn Triq il-Qaliet, Marsascala, nhar it-22 ta’ Frar, 2009 ghall-habta ta’ xi l-hamsa u hamsa u tletin minuta ta’ fil-ghodu kkommetta serq ta’ scaffoldings tal-hadid li l-valur tieghu huwa ta’ €186(mija u sitta u tmenin Ewro), ekwivalenti ghal Lm80.00 (tmenin Lira Maltiin) ghad-dannu ta’ Alexander Chetcuti minn Hal-Tarxien, u Isodoro Valenti minn Marscala, liema serq huwa aggravat bil-hin;

2. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat li gie ezebit il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal prcoeduri sommarji;

Rat illi fil-fatt ghal tali kunsens l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat li l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni fi stadju bikri;

Rat li l-kawza titratta serq semplici taht il-Mitt Lira Maltin;

Rat il-verbal ta’ nhar is-27 ta’ Jannar, 2009 fejn gie ddikkjarat li r-resfurtiva giet ritornata dakinhar stess tas-serqa, u li huwa segwa lid-datur tax-xoghol tieghu

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **SANDRO AGIUS** hati, wara li rat l-Artikoli 261, 270, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-imputat, rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------